MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tas-6 ta' Ottubru, 2010

Citazzjoni Numru. 1387/2002

**A *sive* B C**
**vs**
**D *sive* E C**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-attrici ppremettiet: li l-partijiet izzewgu f' Gunju 1966, u minn dan iz-zwieg ghandhom zewgt itfal, Sven u Mirka, li llum huma maggjorenni; li l-hajja konjugali bejn il-partijiet saret impossibbli billi l-konvenut irrenda ruhu hati versu l-attrici ta' accessi u ngurji gravi; li l-attrici ottjeniet l-awtorizzazzjoni tal-Qorti sabiex tipprocedi bl-istanza odjerna; ghalhekk qed titlob li din il-Qorti: [1] tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet ghar-ragunijiet imputabbli lill-konvenut, u tistabbilixxi d-data tal-firda; [2] tawtorizza lill-istess tghix separatament minn mal-konvenut; [3] tordna lill-istess konvenut jhallas retta alimentarja xierqa lill-attrici; [4] tapplika, in toto jew in

parte, id-dispost ta’ l-artikolu 48 tal-Kap.16; [5] tiddikjara xjolta l-komunjoni ta’ l-akkwisti u tillikwidaha u tassenjaha; [6] tordna lill-konvenut jikkonsenja lill-attrici l-beni kollha parafernali taghha; [7] tawtorizza lill-attrici tirregistra fir-Registru Pubbliku l-eventwali sentenza; bl-ispejjez kontra l-konvenut;

Rat in-nota prezentata mill-attrici li permezz taghha talbet li tigi awtorizzata tirriverti ghal kunjom xbubitha;

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet li biha l-konvenut eccepixxa: li, filwaqt li jaqbel mat-talba ghas-separazzjoni personali, jikkontesta r-responsabbilita’ tieghu u jghid li din ghandha tigi attribwita lill-attrici fit-termini ta’ l-artikoli 38 u 40 tal-Kap.16; qed jccepixxi wkoll li hu m’ ghandux ihallas manteniment lill-attrici peress li din ddekadiet minhabba adulterju;

Rat il-kontro talba prezentata mill-konvenut rikonvenjzonant u li tinsab inserita fil-process a fols.15 sa 18, u li kopja taghha qed tigi annessa mal-gudizzju odjern sabiex tifforma parti ntegrali minnu [Appendici A];

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet ta’ l-attrici rikonvenzjonata, li hija nserita fil-process a fols.20 sa 22, u li kopja taghha qed tigi annessa mal-gudizzju odjern sabiex tifforma parti ntegrali minnu [Appendici B];

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi n-noti guramentati, il-listi tax-xhieda, l-affidavits u d-dokumenti prezentati, kif ukoll ir-rapporti tal-perit tekniku l-AIC Mario Cassar, u r-rapport tal-perit legali l-Avukat Dottor Vincent Galea;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

**Azzjoni – Kontro talba**

Illi permezz tal-proceduri odjerni l-partijiet qed jitlobu s-separazzjoni personali ghar-ragunijiet attribwibbli lil xulxin: l-attrici qed tadduci r-ragunijiet kontemplati fl-artikolu 40 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta’ Malta fil-konfront tal-konvenut,

filwaqt li dan qed jattribwixxi lill-attrici dak kontemplat fl-artikoli 38 u 40 ta' l-istess Kap. Iz-zewg partijiet qed jitolbu li din il-Qorti tirregola l-effetti konsegwenzjali ghas-separazzjoni.

**Separazzjoni Personali**

Illi l-partijiet izzewgu f' Gunju 1966, u minn dan iz-zwieg, ghandhom zewgt itfal, Sven u Mirka, li llum huma maggjorenni. Wara konvivenza ta' circa ghaxar snin, il-partijiet bdew jirriskontraw inkwiet matrimonjali, bir-rizultat li fit-22 ta' Lulju 2002 l-attrici waqqfet tghix il-hajja konjugali mal-konvenut; u f' Dicembru ta' l-istess sena fethet il-kawza ghas-separazzjoni.

*Verzjoni Attrici*

L-attrici tghid li ghall-ewwel ghaxar snin, iz-zwieg taghhom kien wiehed normali. L-inkwiet beda fis-sena 1976 meta l-konvenut mar jahdem ma' Ministru bir-rizultat li kien jghamel sieghat twal fuq ix-xoghol, u wara, divertiment. Huwa kien ikun fil-kumpanija ta' diversi nisa, u dan kien sors ta' glied bejnu u bejn l-attrici li kienet tilmenta li hu kien qed jittraskura l-familja tieghu.

Wara li spicca minn dan ix-xoghol, huwa beda jagixxi b' mod stramb fil-konfront ta' l-attrici, kien dominanti, pikuz, u suspettuz sal-punt li gie certifikat li kien paranojiku. Kien iffissat fuq is-sess u kien regolament jara l-pornografija. Kien jghati kunfidenza u jifflirtja ma' nisa ohra, anke fil-prezenza ta' l-attrici. Dan ukoll kien sors ta' glied kontinwu bejn il-partijiet. Huwa wkoll wera li kien insensittiv ghall-bzonnijiet emozzjonali u materjali ta' martu. Is-sitwazzjoni lahqet il-quccata taghha meta fit-22 ta' Lulju 2002 hija skopriet li zewgha kien qed jibghat emails pornografici lil mara jdentifikata b' isimha. Kien f' din l-okkazzjoni li l-attrici harget mill-kamra tas-sodda ta' zewgha.

Tghid li, filwaqt li zewgha kien dejjem jigri barra, hija dejjem maghluqa gewwa bit-tfal; ghalhekk ghal habta tas-sena 1989/1999 hija dahlet fis-'Singles Club' peress li "jien ridt il-kumpanija, l-ghaliex zewgi qatt ma kien

kumpanija ghalija."[1] u ghaliex "jiena ridt niltaqa' ma xi hbieb."[2] Sussegwentement, wara li bdiet il-proceduri odjerni, hija dahhlet ukoll fil-Club Rose fi hdan il-Caritas.

Hija esebiet certifikat mediku datat 8 ta' Mejju 1985, redatt mill-Konsulent Psikjatra Dottor Joseph Pisani, konfermat mill-istess, li l-attrici kienet ghaddejja minn "severe stress reaction" rizultat ta' l-inkwiet li kellha ma' zewgha li kien "affected by a Paranoid Personality and is making it well high impossible for Mrs.C to continue living with him without seriously jeopardizing her mental health."[3] Dan kien fis-sena 1985, u l-attrici tghid li hija f' dak iz-zmien kienet diga' bdiet il-proceduri ghas-separazzjoni, izda kienet hafret lill-konvenut wara li dan kien talabha skuza u taha x' tifehem li ma kienx ser jibqa' jgib ruhu b' dak il-mod fil-konfront taghha.

*Verzjoni Konvenut*

Il-konvenut jghid li l-problemi matrimonjali bdew wara circa ghaxar snin u nofs miz-zwieg, meta t-tfal kienu ghadhom zghar. F' dan iz-zmien martu kienet tgerger hafna peress li hu kien jahdem hinijiet twal, u kellu diversi mpenji ta' xoghol. Jghid li l-paga kollha kien jaghtiha lill-attrici sabiex tmexxi hi, u lilu kienet taghtih xi haga tal-flus fix-xahar. Huwa pero' jichad li kien jittraskura l-familja, partikolarment fil-weekends.

Il-konvenut jilmenta mill-fatt allegat minnu li, wara t-twelid tat-tifel, martu bierdet minnu sesswalment, filwaqt li kienet takkuzah li kien qed jiffrekwenta nisa ohra. Ghalhekk hija kienet tirrifjuta li taghmel l-att konjugali mieghu. Dwar il-films pornografici, jghid li anke martu u membri tal-familja taghha kienu jarawhom flimkien mieghu.

Din il-bruda da parti ta' martu kienet nisslet suspett fih li martu kienet qed tkun infidil lejh, u jghid li: "B kienet tghir ghaliha u taghmilli l-bsaten fir-roti, apparti li birdet minni ghal kollox, mentri jiena, minn naha tieghi, minhabba l-agir

---

[1] Vol.2 – fol.222 – Skond cirkulari ezebita dan il-club huwa deskritt bhala "Singles Social Club – The Real Club for Single & Single Again People."
[2] Vol.2 – fol.251
[3] Vol.3 – fol.726

taghha kont iffissajt illi qed taqlibhieli". Huwa jikkonferma li kienu marru ghand l-imsemmi konsulent psikjatra.

Jghid li s-suspetti tieghu zdiedu meta f' is-sena 1999 skopra li martu kient membru tas-Singles Club.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

Illi mill-provi jirrizulta car, anke b' dak li sehh fil-mori tal-proceduri, li z-zwieg ta' bejn il-partjiet tkisser irrimedjabbilment, u l-hajja konjugali bejniethom m' ghadhiex aktar possibbli.

Il-Qorti hi tal-fehema li t-tort principali ghal dan jirrisjedi fuq il-konvenut li mis-sena 1976 'il quddiem ma kienx baqa' jaghti priorita' lill-hajja mizzewga, filwaqt li kien iffokat kompletament u esklussivament fuq ix-xoghol u l-impenji, anke ta' divertiment, relatati ma' dan ix-xoghol. Dan gab reazzjoni da parti ta' martu li bdiet tissuspetta li zewgha kien ikun infidil lejha, filwaqt li r-rifjut okkazzjonali da parti taghha li jkollha relazzjoni intima mieghu, wasslet sabiex il-konvenut minn naha tieghu beda jissuspetta li martu kienet infidilha lejh.

Illi mill-provi jirrizulta li l-konvenut kien insensittiv ghall-bzonnijiet emozzjonali ta' martu; kien dominanti u possessiv fil-konfront taghha; u kien anke, fil-prezenza taghha, jkkomporta ruhhu b' kunfidenza ma' nisa ohra, bir-rizultat li l-partijiet kienu jitlewmu bejniethom. Il-komportament suspettuz da parti tal-konvenut kien wasal fi stat ta' paranoja li kien qed jaghmel il-konvivenza matrimonjali mieghu nsapportabbli ghall-attrici, u kien ta' detriment kbir ghas-sahha mentali taghha kif certifikat mill-konsulent psikjatra f' Mejju 1985.

Illi, ghalkemm dan il-komportament sevizzjuz u ngurjuz da parti tal-konvenut kien il-kawza principali tas-separazzjoni, l-attrici minn naha taghha kkontribwiet ghal dan meta, matul il-konvivenza, u circa tlett snin qabel il-ftuh tal-proceduri hija kienet membru tas-Singles Club, intiz sabiex ilaqqa' nisa u rgiel, mhux mizzewgin, jew li regghu saru singles, cioe' separati jew romol. Fil-fehema ta' din il-Qorti, dan il-fatt jikkostitwixxi ngurja gravi da parti ta' l-

attrici fil-konfront ta' zewgha, u kkontibwixxa sabiex aggravaw l-affarijiet li eventwalment wasslu ghal firda. Ghax, fil-fehema ta' din il-Qorti, il-fatt wahdu li konjugi, li ghadhu jew ghadha tikkonvivi mal-konjugi l-iehor, jidhol membru, ad insaputa tal-konjugi l-iehor, f' dan it-tip ta' Club, intiz ghall-persuni single, bi skop car li jibdew hbiberiji, anke fuq livell individwali, ma' dawn in-nies, nisa u rgiel, fi stat single, jikkostitwixxi ngurja gravi fit-termini ta' l-artikolu 40 tal-Kap.16. Aliter li kieku kien xi club iehor, bhal per ezempju kazin tal-banda, jew tal-muzika, jew anke politiku.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehema li z-zwieg bejn il-partijiet tkisser irrimedjabbilment principalment minhabba sevizzi u ngurji gravi da parti tal-konvenut fil-konfront ta' martu, filwaqt li l-attrici kkontribwiet ghal dan b' ingurja gravi. Jigi osservat ukoll li l-akkuzi ta' adulterju ma gewx provati.

In fine, qed tistabbilixxi d-data tal-5 ta' Dicembru 2002 bhala d-data ta' meta sehhet il-firda.

**Komunjoni ta' l-Akkwisti**
Illi din tikkonsisti fis-segwenti:

*Likwidazzjoni*
[1] Id-dar matrimonjali, u cioe' il-fond numru 85 Il-Merill, A.M. Valperga Street, Fgura, li skond il-perit gudizzjarji, mhijiex komodament divizibbli, u ghandha valur ta' €279,525 [ekwivalenti ghal LM120,000];

[2] Mobbli ezistenti fid-dar konjugali;

[3] Vettura uzata fil-prezent mill-konvenut;

[4] Depoziti bankarji, li jinsabu deskritti mill-perit legali fil-paragrafu 106 tar-relazzjoni tieghu;[4]

[5] Djun tal-komunjoni, li jinsabu deskritti mill-perit legali fil-paragrafi 109 sa 111 tar-relazjoni tieghu;[5]

---

[4] Vol.4 – fols.1059 - 1062

*Assenjazzjoni*

[1] Tordna li d-dar matrimonjali tigi mibjugha fuq is-suq hieles fi zmien sena, jew qabel, bi ftehim bejn il-partijiet, u fin-nuqqas, tinbigh wara dan il-perijodu taht l-awtorita' tal-Qorti bi prezz mhux inferjuri ghal €279,525 u r-rikavat jinqasam ugwalment bejn il-partijiet.

L-attrici qed tigi awtorizzata li tibqa' tghix fl-istess fond sakemm tinbigh il-proprjeta' jew sa zmien sena millum, liema jigi l-ewwel; u konsegwentement qeda tigi ordnata permezz tal-gudizzju odjern sabiex fi zmien sena millum hija tivvaka d-dar konjugali.

[2] Oggetti mobbli fid-dar.

L-attrici prezentat lista[6] ta' l-oggetti li jinsabu fid-dar u li, tghid li huma parafernali taghha, filwaqt li l-kumplament ta' l-oggetti huma tal-komunjoni. Kopja ta' din il-lista qed tigi hawn annessa biex tifforma parti ntegrali mill-gudizzju odjern [Appendici C]

Minn naha tieghu l-konvenut qed jikkontesta din il-pretensjoni u jsostni li l-oggetti kollha huma tal-komunjoni, stante [1] li l-attrici ma gabitx provi dokumentali in sostenn ta' dak indikat u allegat fl-imsemmija lista; [2] li l-uniku xhud in propozitu hija Mary Mifsud, oht l-attrici; u [3] li skond l-istess xhud, kien inbiegh kollox mill-wirt tal-genituri ta' l-attrici.

Illi, wara li l-Qorti ezaminat l-lista fuq indikata, hija propensa fuq bazi ta' verosimiljanza li taccetta l-allegazzjoni attrici, li l-oggetti ndikati fil-partita numru tnejn [2] huma parafernali taghha; izda rigward il-partiti numru wiehed [1], tlieta [3] u erba' [4], relattivi ghall-allegazzjoni ta' flus gejjin minn dota, flus donati mill-genituri ta' l-attrici, u oggetti provenienti minn wirt tal-genituri ta' l-attrici, il-Qorti tosserva li dak allegat mhuwiex sostnut adegwatament mill-provi.

---

[5] Vol.4 – fols. 1062 - 1063

[6] Vol.3 – fol.747

Ghalhekk tordna li l-attrici tiehu mid-dar matrimonjali l-oggetti ndikati fil-partita numru tnejn [2] ta' l-imsemmija lista, dejjem jekk ghadhom ezistenti fid-dar matrimonjali, u, fil-kaz li l-oggetti m' ghadhomx jezistu, allura l-konvenut huwa ordnat li jhallas nofs l-valur taghhom kif jidher fuq l-imsemmija lista, u dan stante li l-attrici wkoll uzat dawn l-affarijiet. Ghall-kumplament ta' l-oggetti ezistenti fid-dar, il-Qorti tordna li dawn jinqassmu b' mod ugwali bejn il-partijiet, u, fin-nuqqas ta' ftehim, dawn l-oggetti jigu valutati mill-istimatur Vincent Ciliberti, a spejjez taz-zewg partijiet, u jinbighu that l-awtorita' tal-Qorti, u r-rikavat jinqasam ugwalment bejn il-partijiet.

Illi pero' l-Qorti tirrikonoxxi l-krediti favur l-attrici ta' nofs l-ammonti ta' €932 [ekwivalenti ghal LM400], rapprezentanti spejjez tal-festa tat-tieg; u ghalhekk tordna li l-konvenut jghaddi lill-attrici s-somma ta' €466 [ekwivalenti ghal LM200], stante li din il-festa saret ghal beneficju taz-zewg partijiet.

[3] Il-vettura qed tigi assenjata fl-intier taghha lill-konvenut, gjaldarba l-attrici thallset sehemha minnha;

[4] Illi, rigward id-depoziti bankarji li fil-prezent hemm f' isem l-attrici u f' isem il-konvenut, il-Qorti, kif gja' osservat mill-perit legali, taqbel li dawn il-flus kienu diga' gew divizi mill-partijiet kif jirrizulta mill-affidavits rispettivi taghhom, u ghalhekk, mhux il-kaz li jergghu jigu divizi. Inoltre jinghad li, ghalkemm fl-affidavit tieghu l-konvenut jaghmel rizerva ghad-depoziti li setghu kienu jezistu fid-data tal-ftehim u li hu ma kienx jaf bihom stante li kienu fuq isem l-attrici biss, il-Qorti tosserva li ma rrizultax sodisfacentement provat dak allegat minnu in propozitu fin-nota ta' l-osservazzjonijiet tieghu. Jirrizulta biss [1] ir-rizerva maghmula fl-affidavit tieghu, u [2] l-allegazzjoni tieghu maghmula fin-nota ta' l-osservazzjoni.

In fine jigi osservat li huwa prinicipju fundamentali f' materja ta' prova li minn jallega fatt ghandu l-oneru tal-fatt allegat minnu; u ghalhekk, f' dan il-kaz il-konvenut kellu l-oneru li jgib prova li hu ma kienx jaf bl-ezistenza ta' kontijiet fuq isem l-attrici meta sar il-qsim. La gie provat x'

inqasam, u lanqas xehed il-konvenut in propozitu wara li kienu ddeponew ir-rapprezentanti tal-bank, u certament mhux lecitu li l-Qorti tidhol f' kongetturi dwar ir-raguni tad-diskrepanza li tidher, fid-data li fiha gie mahluf ir-rapport peritali fl-4 ta' Gunju 2008, fil-kontijiet rispettivi tal-partijiet.

Ghalhekk il-Qorti tikkonferma li kull parti ghandha zzomm il-kontijiet bankarji li fil-prezent jinsabu fuq isimha.

[5] Djun
[a] Il-Qorti taqbel mal-perit legali [para. 116] li l-kont pendenti mal-Korporazzjoni ghas-Servizzi ta' l-Ilma fl-ammont ta' €744.91, kontestat mill-partijiet, ghandu jinqasam b' mod ugwali bejn il-partijiet jekk jintilef l-arbitragg;

[b] Il-Qorti ma taqbilx mal-kontenut tal-para.117 tar-relazzjoni, u tosserva li l-ammonti ta' LM523 u LM228[7] migbuda mill-attrici, fit-22 ta' Lulju 2002, u cioe' fil-gurnata li fiha l-attrici tterminat il-hajja konjugali minn ma' zewgha, ghandhom jigu konsidrati li jifformaw parti mill-komunjoni, u li dawn ingibdu mill-attrici minghajr il-kunsens tal-konvenut, li allura huwa ntitolat ghal nofs dan l-ammont. Il-Qorti tosserva li l-attrici ma gabet ebda prova konkreta in sostenn tar-ragunijiet allegati minnha ghal gbid ta' dawn il-flus. Ghalhekk tordna li l-attrici thallas lill-konvenut is-somma ta' €875 [ekwivalenti ghal LM375.50c], nofs l-imsemmija ammonti.

[c] Il-Qorti taqbel mal-perit legali rigwardanti l-kontijiet imhallsa mill-konvenut, lill-Korporazzjoni tas-Servizzi ta' l-Ilma, Maltcom, PBS u c-cens fuq id-dar matrimonjali u li jinsabu elenkati mill-perit legali fil-paragrafu 118 tar-relazzjoni tieghu, u li komplessivament jammontaw ghas-seomma ta' €1917 [ekwivalenti ghal LM822.82]. Dawn thallsu wara d-data tal-5 ta' Dicembru 2002, u ghalhekk l-attrici hi ordnata li thallas lill-konvenut nofs dan l-ammont, cioe' €958 [ ekwivalenti ghal LM411.41]

[7] Vol.3 – doki.AV4 u AV5 – fols.826 u 827

Tordna wkoll li kull kont rigwardanti dawl u ilma, telefon, cens u licenzji li jirrizultaw pendenti sad-data tas-sentenza ghandhom jigi divizi ugwalment bejn il-partijiet; izda wara s-sentenza kontijiet relatati ma dawn is-servizzi, sa sena millum, ghandhom jithallsu esklussivament mill-attrici peress li qed tigi awtorizzata tibqa' tirrisjedi fid-dar konjugali ad eskluzjoni tal-konvenut; wara li tghaddi s-sena, il-kontijiet relattivi jergghu jkunu a kariku taz-zewg partijiet sakemm tinbigh id-dar konjugali
.

**Manteniment**

Illi kif jirrizulta mir-relazzjoni tal-perit legali, l-attrici fis-sena 2008 kellha pensjoni ta' €330.49 [LM141.88] kull erba' gimghat, oltre l-ammont ta' €139.76 [LM60] manteniment provvizorju ordnat mill-Qorti; filwaqt li l-konvenut jippercepixxi pensjoni ta' €715.12 [LM307] kull erba' gimghat.

Illi l-Qorti hi tal-fehema li, tenut kont tal-fatt li l-konvenut kien il-parti principalment hatija tal-firda huwa ghandu jibqa' jissomministra manteniment lill-attrici, izda, tenut kont tal-mezzi u ta' l-introjti rispettivi, anke tal-fatt li l-attrici ghandha parti mill-htija, qed jigi fissat l-ammont ta' €117 [LM50] kull erba' gimghat, liema ammont ghandu jigi direttament dedott, mid-Dipartiment tas-Sigurta' Socjali, mill-pensjoni/beneficju socjali dovut lill-konvenut, u jintbaghat direttament lill-attrici kull erba' gimghat fl-indirizz residenzjali taghha.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi dwar l-azzjoni billi:

[1] tilqa' l-ewwel talba, u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet, principalment tort tal-konvenut, u in subsidium tort ta' l-attrici;

[2] tilqa' t-tieni talba;

[3] tilqa' t-tielet talba fit-termini u kif fuq stabbilit u ordnat fis-sezzjoni ntestata 'Manteniment';

[4] tilqa' r-raba' talba u tapplika fil-konfront tal-konvenut id-dispost ta' l-artikolu 48[1] [a][b] u [d] tal-Kap.16;

[5] tilqa' il-hames talba u tiddikjara xjolta l-komunjoni ta' l-akkwisti b' effett mill-5 ta' Dicembru 2002, tillikwidaha u

tassenjaha, fit-termini u kif fuq stabbilit u ordnat fis-sezzjoni ntestata ‘Komunjoni ta’ l-Akkwisti.’;
[6] tilqa’ is-sitt talba kif fuq stabbilit u ordnat fis-sezzjoni ntestata ‘Komunjoni ta’ l-Akkwisti’ riferibbilment ghall-propjeta’ parafernali ta’ l-attrici;
[7] tilqa’ s-seba’ talba;
Tawtorizza lill-attrici tirriverti ghal kunjom xbubitha, ‘Hili’.

Tiddeciedi dwar il-kontro talba billi:
[1] tilqa’ l-ewwel talba limitatament u fis-sens gja’ fuq deciz;
[2] tilqa’ it-tieni talba;
[3] tilqa’ it-tielet talba fis-sens gja fuq deciz;
[4] tichad ir-raba’ talba, stante li ma ngabux provi fir-rigward;
[5] tilqa’ il-hames talba;

L-ispejjez kollha, kemm ta’ l-azzjoni, kif ukoll tal-kontro talba, ghandhom jigu sopportati mill-partjiet kif ser jinghad: tlett kwarti [3/4] a kariku tal-konvenut, u r-rimanenti kwart [1/4] a kariku ta’ l-attrici.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------